## JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2004

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 5 | SOCIAL STUDIES (OPTION) | TIME: 1hr 45mins |
|---|---|---|

Name: _______________________________ Class: _______________

### TAQSIMA A

***Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.***

Il-pajjiżi kollha jagħmlu kummerċ, imma mhux fuq l-istess termini. Il-pajjiżi tat-Tielet Dinja jiffaċċjaw ħafna żvantaġġi. L-ifqar pajjiżi jesportaw il-biċċa l-kbira lejn il-pajjiżi industrijalizzati. 50% mid-dħul tagħhom jidħol mill-esportazzjoni. Nofshom huma primarji, jiġifieri, prodotti mhux proċessati, bħall-kafè, tajjar u metalli li mbagħad jiġu proċessati fil-pajjiżi industrijalizzati. Xi wħud mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiddependu minn dawn il-prodotti biss. Per eżempju 70% tad-dħul tal-Ghana jiġi mill-kakaw, 60% tad-dħul tas-Sudan jiġi mit-tajjar. Meta jaqa' l-prezz ta' prodott, il-pajjiż li jipproduċi jista' jintlaqat minn diżastru.

Il-pajjiżi industrijalizzati jesportaw 24% biss mill-prodotti tagħhom lit-Tielet Dinja, bħala oġġetti manifatturati (per eżempju makkinarju) u prodotti ta' l-ikel. Għalhekk insibu pajjiżi bħas-Sri Lanka u l-Kenja li jesportaw il-weraq tat-te' (prodott primarju) lejn pajjiż bħall-Ingilterra, u l-Ingilterra tesporta l-pakketti tat-te' lura lejn it-Tielet Dinja.

1. X'tifhem b'dawn il-kliem?
   a. kummerċ
   b. esportazzjoni
   ċ. importazzjoni
   d. korporazzjonijiet transnazzjonali (8)

2. Semmi u spjega żewġ modi ta' kif gvern jista' jipproteġi l-industrija ta' pajjiżu. (6)

3. X'differenza tgħaddi bejn:
   a. kummerċ ħieles
   b. kummerċ ġust
   c. kummerċ etiku (8)

4. X'jisimha l-organizzazzjoni internazzjonali li temmen li l-kummerċ ħieles jgħin biex id-dinja ssir aktar sinjura? X'inhuma l-għanijiet tagħha? (3)

5. X'inhuma d-diffikultajiet li qed iħabbtu wiċċhom magħhom fil-kummerċ il-pajjiżi li qed jiżviluppaw? (5)

6. Ħares lejn l-istampa tal-važett tal-kafè.
   a. X'qed turi dwar il-prezz tal-kafè?
   b. Ikteb 'script' għall-aħbarijiet li ser jintwerew fuq it-T.V. li fih ser tispjega lill-ispettaturi kif jitqassam il-prezz ta' prodott. (10)

**(40 marka)**




**What's in the cost of a jar of coffee?**

**TAQSIMA B**

***<u>Agħżel TNEJN minn dawn u ikteb mhux inqas minn 350 kelma dwar kull wieħed.</u>***

1. Taħseb li s-Soċjeta' Maltija qegħda tapprezza biżżejjed lill-anzjani? Għid għaliex.
   Issa li n-nies qed jgħixu aktar fit-tul għandhom jibqgħu jirtiraw ta' 60/61?
   Taħseb li l-irġiel u n-nisa għandhom ikollhom l-istess eta' ta' irtirar? Iddiskuti.

2. Iddiskuti kif ir-relazzjonijiet internazzjonali, il-paċi u l-iżvilupp jgħinu 'l xulxin. Uri s-sehem ta' l-aġenziji internazzjonali għall-paċi u l-iżvilupp.

3. Il-paċi hi aktar min-nuqqas ta' gwerra. Hemm ħafna organizzazzjonijiet li jaħdmu għal dan. X'taħseb?

4. Ħares lejn dawn iż-żewġ 'diagrams' u ikkummenta dwar id-differenza li teżisti f'dawn il-prijoritajiet bejn in-nisa u l-irġiel u kif inbidlet din l-importanza għan-nisa f'perijodu ta' 8 snin.

**Figure 2.1** **Very important in life for women and men in Malta**




**Figure 2.2** **Changing Importance in life for women**




(Values of Women & Men in the Maltese Islands. Author M. Abela) **(30x2=60 marka)**